REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1039/2013

tal-24 ta' Ottubru 2013

li jimmodifika l-approvazzjoni tal-aċidu nonanojku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 2

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u partikolarment it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007 [2] jistabbilixxi elenku ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]. Dik il-lista tinkludi l-aċidu nonanojku.

(2) L-aċidu nonanojku ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fi prodotti tat-tip 2 permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/41/UE [4], u għaldaqstant huwa meqjus bħala approvat għal dak it-tip ta' prodott permezz tal-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Barra minn hekk, l-aċidu nonanojku ġie evalwat skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fil-prodotti tat-tip 10, preservattivi tal-ġebel, kif definit fl-Anness V ta' dik id-Direttiva. L-evalwazzjoni kopriet l-użu bħala alġeċida għat-trattament kurattiv ta' materjali tal-kostruzzjoni. Dak l-użu speċifiku issa huwa kopert permezz tal-prodotti tat-tip 2 kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(4) L-Awstrija nħatret l-Istat Membru Relatur u ressqet ir-rapport tal-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fit-3 ta' April 2012 b'konformità mal-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(5) Ir-rapport tal-awtorità kompetenti ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, ir-riżultati tal-analiżi ġew inkorporati, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali fis-27 ta' Settembru 2013, f'rapport ta' valutazzjoni.

(6) Minn dak ir-rapport jidher li l-prodotti bijoċidali użati bħala użati bħala alġeċidi għat-trattament kurattiv ta' materjali tal-kostruzzjoni u li fihom l-aċidu nonanojku jistgħu jiġu mistennija li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE.

(7) L-approvazzjoni eżistenti tal-aċidu nonanojku għall-prodotti tat-tip 2 ma tkoprix il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tal-prodotti użati bħala alġeċidi għat-trattament kurattiv tal-materjali tal-kostruzzjoni. Għaldaqstant huwa xieraq li l-approvazzjoni eżistenti tiġi kkumplimentata b'dawk il-kundizzjonijiet. Bil-għan li jiġi permess lill-partijiet interessati li jħejju lilhom infushom biex jilħqu r-rekwiżiti l-ġodda li segwew mid-definizzjoni mill-ġdid riċenti ta' tipi ta' prodotti bijoċidali, huwa xieraq ukoll li d-data oriġinarjament mogħtija permezz tad-Direttiva 2012/41/UE tal-approvazzjoni tiġi modifikata.

(8) Billi l-evalwazzjoni ma indirizzatx in-nanomaterjali, l-approvazzjoni m'għandhiex tkopri tali materjali skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-aċidu nonanojku għandu jiġi approvat bħala sustanza attiva għall-użu fi prodotti bijoċidali għal prodotti tat-tip 2, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet il-ġodda u d-data l-ġdida ta' approvazzjoni stipulati fl-Anness.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

[3] Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

[4] Id-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 2012/41/UE tas-26 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex testendi l-inklużjoni tas-sustanza attiva aċidu nonanojku fl-Anness I għall-prodotti tat-tip 2 (ĠU L 327, 27.11.2012, p. 28).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Isem Komuni	Isem tal-IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Grad minimu tal-purezza tas-sustanza attiva [1]	Data tal-approvazzjoni	Data ta' Skadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' prodotti	Kundizzjonijiet speċifiċi [2]
Aċidu nonanojku, Aċidu pelargoniku	Isem IUPAC: Aċidu nonanojku Nru tal-KE: 203-931-2 Nru tal-CAS: 112-05-0	896 gm/kg	L-1 ta' Ottubru 2015	It-30 ta' Settembru 2025	2	Il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-esponimenti, ir-riskji u l-effikaċja marbuta ma' kwalunkwe użu kopert permezz ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda mhux indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni. L-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: 1. Sakemm ma jkunx muri fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott li r-risjki għas-saħħa tal-bniedem jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli permezz ta' mezzi oħra, l-awtorizzazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) Struzzjonijiet dwar l-użu li jinfurmaw dwar kif jitnaqqas l-esponiment għall-aerosol. (b) L-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għal utenti mhux professjonali huma soġġetti għall-imballaġġar li jrid ikun disinjat b'tali mod li jnaqqas l-esponiment tal-utent. 2. L-awtorizzazzjoni tal-prodotti użati bħala algeċidi għat-trattament rimedjali fl-apert ta' materjali tal-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri operattivi sikuri u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji biex jiġi mħares l-ambjent.

[1] Il-purezza indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purezza tas-sustanza attiva użata għall-evalwazzjoni li saret skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott imqieghed fis-suq tista' tkun ta' purezza ugwali jew differenti, jekk tkun ġiet ippruvata teknikament ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata.

[2] Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta' valutazzjoni huma disponibbli fuq is-sit tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm